28 ta' Jannar, 1967

Imħallef:

Onor. Edoardo Magri, LL.D.

Joseph Pulis

*versus*

Giuseppa Zammit et

**Garanzija — Garanti solidali — Debitu — Preskrizzjoni, qasira — Interruzzjoni ta'.**

*Il-preskrizzjoni ta' debitu ma hux neċessarjament l-istess bħal dik tal-garanzija li takkompanjah. Il-garanzija, bħala obbligazzjoni nasxenti minn skrittura, hija preskritta fi żmien ħames snin. L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kontra l-garanti solidali topera anke kontra d-debitur prinċipali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni — premess illi l-attur għandu jieħu minn għand il-konvenuti s-somma ta' sbatax-il lira £(17.0.0) bilanċ ta' somma ikbar prezz ta' groceries għal liema dejn il-konvenut Lorenzo Borg daħal bħala garanti skond il-kitba annessa maċ-ċitazzjoni (Dokument 'A') — talab illi l-konvenuti jkunu kkundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' £17.0.0 għar-raġunijiet fuq imsemmija; Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Marzu, 1966.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha jgħi-

du illi huma m'għandhomx jagħtu lill-attur is-somma reklamata fl-att taċ-ċitazzjoni, billi, dana l-ammont ma jirrappreżentax prezz ta' groceries, imma kienu "rigali" mogħtija lil Giuseppa Zammit, ex-għarusa ta' l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u n-nota tax-xhieda tagħhom;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet l-Avukati;

Ikkunsidrat:

Li l-konvenuta Giuseppa Zammit eċċepiet ulterjorament il-preskrizzjoni, f'termini ġeneriċi; iżda l-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta Zammit riedet tagħti l-preskrizzjoni tal-azzjoni eżerċitata mill-attur in bażi għall-artikolu 2253(b) tal-Kodiċi Ċivili liema preskrizzjoni timmatura bl-egħluq ta' tmintax-il xahar.

Li, il-kreditu tal-attur huwa kopert b'obbligazzjoni li tirriżulta mill-iskrittura tat-12 ta' Novembru, 1965 esibita a fol. 4 tal-proċess; b'dina l-iskrittura Lorenzo Borg daħal bħala garanti solidali mal-konvenuta Giuseppa Zammit favur l-attur għad-dejn li dina għandha mal-istess Pulis fl-ammont ta' sbatax-il lira (£17.0.0), u obbliga ruħu li jħallas dina s-somma bin-nofs lira (10s0d) fil-ġimgħa, bil-patt li jekk jonqos li jħallas anki darba waħda biss ikun irid iħallas il-bilanċ kollu f'daqqa.

Li ma jirriżultax li saru xi pagamenti akkont, anzi d-debitriċi prinċipali, il-konvenuta Giuseppa Zammit qegħda tiċħad id-dejn; iżda l-preskrizzjoni ġiet sollevata biss mid-debitriċi, u mhux mill-garanti solidali.

Li fil-konfront tal-garanti, il-preskrizzjoni ma' tistax tkun dik sollevata mill-konvenuta Zammit għaliex l-obbligazzjoni tiegħu titwieled mill-iskrittura fuq riferita u għalhekk iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa ta' ħames snin, allavolja l-kreditu nvolut jippreskrivi ruħu fiż-żmien iqsar kieku ma kienx jirriżulta minn l-imsemija skrittura.

Li, ma jistax ikun hemm kwistjoni li l-garanti solidali Lorenzo Borg m'aċċettax id-dejn tal-konvenuta Zammit riżultanti mill-imsemmija skrittura; u għalhekk dina l-aċċettazzjoni tikser il-preskrizzjoni għad-debitriċi l-oħra, bili kull att li jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra, anki jekk dawna, kif qegħda tagħmel il-konvenuta Zammit, jiċħdu d-dejn (art. 1143 Kod. Ċiv.).

Li, għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta Giuseppa Zammit hija bla bażi u ma tistax tiġi milqugħa.

Ikkunsidrat:

Li dwar il-meritu, il-konvenuta Zammit qegħda tiċħad id-dejn billi qegħda tippretendi li l-ammont mitlub mill-attur jirrappreżenta import ta' rigali li kien jagħtiha *in kontemplazzjoni* tal-għarusija.

Li, m'għandux jintnesa li l-azzjoni istitwita mill-attur hija derivanti mill-obbligazzjoni fuq imsemmija.

Li huwa minnu li l-iskrittura ġiet firmata biss mill-konvenut Lorenzo Borg, bħala garanti solidali tal-konvenuta Giuseppa Zammit. Iżda, jibqa' dejjem il-fatt, li ma ġie l-ebda mod spjegat sodisfaċentement lill-Qorti, li ċioè liema *sinjifikat* setgħet ikollha l-imsemmija obbligazzjoni tal-garanti solidali jekk il-kreditu ta' Giuseppa Borg ma kienx jeżisti;

Li l-Qorti m'għandhiex eċċezzjoni quddiemha fis-sens premess; u għalhekk ma' ssibx raġuni plawsibbli għaliex għandha tiskarta l-verşjoni tal-attur, sorretta mill-imsemmija skrittura, u tagħti, minflok pis lix-xhieda tal-konvenuta Zammit li tidher inkonsistenti u kontradittorja. Infatti mentri l-konvenuta Zammit fin-nota tal-eċċezzjonijiet tammetti l-import tad-dejn, iżda tgħid li dana kien jirrappreżenta rigali tal-għarusija; fi-xhieda tagħha qegħda tiċħad kollox, u waslet biex tiddikjara li m'għandha tagħtih xejn lill-attur għaliex ġeneralment kienet tħallas tal-affarijiet tal-ikel li kienet tieħu mingħandu (fols. 15, 22).

Li, fil-ġurisprudenza ġie riċentement ammess il-prinċipju li d-debitur jista' jeċċepixxi fil-meritu, anki jekk ma jkunx irnexxa bil-preskrizzjoni.

Li, fil-każ preżenti, il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenuta Zammit ma rnexxiliex tipprova kontra l-pretensjoni tal-attur, la li d-dejn huwa mħallas u anqas li l-kreditu jirrappreżenta att ta' liberalità m'għamul mill-attur lill-konvenuta in kontemplazzjoni tal-għarusija; u ebda tentativ ma sar biex tiġi mwaqqa' l-imsemmija skrittura b'mezzi oħra.

Li, l-attur fix-xhieda tiegħu irriduċa t-talba għas-somma ta' sittax-il lira (£16).

Li, fl-aħħarnett il-Qorti tħoss li għandha tirileva u tiddeplora li l-attur virtwalment mexxa l-kawża waħdu, għaliex l-avukat tiegħu, almenu minn Ottubru, 1966 għal xi raġuni jew oħra qatt ma deher biex jassistih. Dana l-atteġġjament jaggrava l-pożizjoni tal-avukat tal-attur, in kwantu ħlief f'każ wieħed ma ġiex ġustifikat; u l-attur instab mingħajr assistenza legali, meta ġie "in extremis" konfrontat tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u tant qata' qalbu mill-kawża, li fl-aħħar seduta anqas ma deher; u l-avukat tiegħu anqas ma indenja ruħu li

jara li d-depożizzjoni tal-attur — li baqgħet sospiża mħabba l-assenza tal-avukat — titkompla fis-seduta ta' wara.

Għal dawna l-motivi;

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta Giuseppa Zammit bl-ispejjeż kontra tagħha; u tilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' sittax-il lira (£16); l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti "in solidum".